

REGOLAMENT TA' IMPLIMENTAZZJONI TAL-KUMMISSJONI (UE) Nru 593/2014**tat-3 ta' Ġunju 2014****li jistipula standards tekniċi ta' implimentazzjoni rigward il-format tan-notifika skont l-Artikolu 16(1) tar-Regolament (UE) Nru 345/2013 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill dwar fondi ta' kapital ta' riskju Ewropej****(Test b'rilevanza għaż-ŻEE)**

IL-KUMMISSJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidrat it-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea,

Wara li kkunsidrat ir-Regolament (UE) Nru 345/2013 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-17 ta' April 2013 dwar fondi ta' kapital ta' riskju Ewropej ⁽¹⁾, u b'mod partikolari l-Artikolu 16(5) tiegħu,

Billi:

- (1) L-Artikolu 16(1) tar-Regolament (UE) Nru 345/2013 jeħtieġ li l-awtorità kompetenti tal-Istat Membru tad-domiċilju ta' fond ta' kapital ta' riskju Ewropew (EuVECA) tinnotifika lill-awtoritajiet kompetenti tal-Istati Membri ospitanti u l-Awtorità Ewropea tat-Titoli u s-Swieq (AETS) dwar avvenimenti marbutin mal-passaport ta' maniġers ta' fondi ta' kapital ta' riskju kwalifikanti. L-Artikolu 21(3) tar-Regolament (UE) Nru 345/2013 jeħtieġ ukoll li l-awtorità kompetenti tal-Istat Membru tad-domiċilju tinforma lill-awtoritajiet kompetenti tal-Istati Membri ospitanti dwar it-tneħħija ta' maniġer ta' EuVECA mir-reġistru.
- (2) Meta jitqies li l-AETS għadha ma żviluppax għodda tal-IT dedikata għal din in-notifika, l-użu tal-posta elettronika huwa l-format l-aktar xieraq għal dan it-tip ta' notifika fost l-awtoritajiet kompetenti u lill-AETS. Għalhekk, l-AETS għandha tistabbilixxi lista ta' indirizzi tal-posta elettronika rilevanti u tgħarraf lill-awtoritajiet kompetenti kollha biha.
- (3) Dan ir-Regolament huwa bbażat fuq l-abbozz tal-istandards tekniċi ta' implimentazzjoni sottomessi mill-AETS lill-Kummissjoni.
- (4) Minħabba l-ambitu limitat u l-impatt tal-format għan-notifika u billi jitqies li l-awtoritajiet kompetenti biss għandhom jużaw il-formola speċifika stabbilita, l-AETS ma wetqitx konsultazzjonijiet pubbliċi dwar l-introduzzjoni ta' dan il-format għan-notifika. L-AETS talbet l-opinjoni tal-Grupp tal-AETS tal-Partijiet Interessati tat-Titoli u s-Swieq stabbilit skont l-Artikolu 37 tar-Regolament (UE) Nru 1095/2010 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill ⁽²⁾,

ADOTTAT DAN IR-REGOLAMENT:

*Artikolu 1***Suġġett**

Dan ir-Regolament jiddetermina l-format għan-notifika fost l-awtoritajiet kompetenti u lill-AETS dwar l-informazzjoni ta' sorveljanza dwar l-avvenimenti msemmija fl-Artikoli 16(1) u 21(3) tar-Regolament (UE) Nru 345/2013.

*Artikolu 2***Format tan-notifika**

L-awtorità kompetenti tal-Istat Membru tad-domiċilju ta' fond ta' kapital ta' riskju Ewropew tinnotifika bil-posta elettronika lill-awtoritajiet kompetenti tal-Istati Membri ospitanti u lill-AETS dwar l-avvenimenti msemmija fl-Artikoli 16(1) u 21(3) tar-Regolament (UE) Nru 345/2013, billi timla l-formola stipulata fl-Anness ma' dan ir-Regolament.

⁽¹⁾ ĠUL 115, 25.4.2013, p. 1.⁽²⁾ Ir-Regolament (UE) Nru 1095/2010 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-24 ta' Novembru 2010 li jistabbilixxi Awtorità Superviżorja Ewropea (l-Awtorità Ewropea tat-Titoli u s-Swieq), (ĠUL 331, 15.12.2010, p. 84).

*Artikolu 3***Lista ta' indirizzi tal-posta elettronika**

Kull awtorità kompetenti tikkomunika lill-AETS l-indirizz tal-posta elettronika rilevanti għan-notifika ta' informazzjoni superviżorja.

L-AETS tgħarraf lill-awtoritajiet kompetenti kollha l-lista ta' indirizzi tal-posta elettronika rilevanti, inkluż l-indirizz tal-posta elettronika rilevanti tal-AETS.

*Artikolu 4***Dħul fis-seħħ**

Dan ir-Regolament jidħol fis-seħħ fit-tielet jum wara l-pubblikazzjoni tiegħu f'Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea.

Dan ir-Regolament jorbot fl-intier tiegħu u japplika direttament fl-Istati Membri kollha.

Magħmul fi Brussell, it-3 ta' Ġunju 2014.

Għall-Kummissjoni
Il-President
José Manuel BARROSO

ANNEX

Notifika tar-reġistrazzjoni ta' maniġer ta' fond ta' kapital ta' riskju Ewropew (EuVECA) jew aġġornament tal-informazzjoni diġà notifikata

Notifika tar-reġistrazzjoni minn (*isem tal-Awtorità*) ta' manijer ta' EuVECA jew aġġornament tal-informazzjoni diġà notifikata L-*(isem tal-awtorità tal-Istat Membru tad-domiċilju)* tinnotifika li:

Il-*(isem tal-maniġer tal-EuVECA)*,

bid-dettalji ta' kuntatt li ġejjin (*indirizz irreġistrat tal-maniġer*)

huwa rreġistrat minn (*isem l-awtorità*) skont l-Artikolu 14(2) tar-Regolament (UE) Nru 345/2013 biex jimmaniġġja l-fondi indikati fit-tabella ta' hawn taħt. Il-maniġer għandu l-intenzjoni li jikkummerċjalizza l-EuVECA fl-Istati Membri indikati fit-tabella ta' hawn taħt.

Isem tal-EuVECA	Domiċilju	Stati Membri ospitanti

Struzzjonijiet:

Jekk jogħġbok indika jekk qed tinnotifika emendi għall-informazzjoni pprovduta diġà fnotifika preċedenti: Iva Le

Jekk iva, jekk jogħġbok speċifika l-informazzjoni li tixtieq temenda:

- Żieda ta' EuVECA ġdid.
- Żieda ta' domiċilju ġdid għall-istabbiliment ta' EuVECA.
- Żieda ta' Stat Membru ġdid fejn il-maniġer ikollu l-intenzjoni li jikkummerċjalizza l-EuVECA.
- Tneħħija tar-reġistru nazzjonali ta' manijers ta' EuVECA skont l-Artikolu 21(2)(b) tar-Regolament EuVECA ⁽¹⁾.

⁽¹⁾ Jekk dan huwa l-każ, jekk jogħġbok ibdel it-test wara l-indirizz tal-maniġer bit-test li ġej: "tneħħa mir-reġistru nazzjonali ta' manijers ta' EuVECA skont l-Artikolu 21(2)(b) tar-Regolament EuVECA".